# Prologu

Kien ili ħafna ħin mistoħbi wara ċ-ċint, nistennieha toħroġ. Tant kien ili nistenna li kważi marret għajni bija; iżda f'daqqa waħda smajt it-tħaxwix u rajt figuritha sewda miexja lejn it-triq inkiss inkiss. Kont naf li kienet se taħrab mid-dar dak il-lejl. Xogħli kien li nimxi warajha, imma ma ridthiex tinduna bija mill-ewwel.

Ħallejtha titbiegħed ftit u mbagħad qomt fuq saqajja u ħaffift għal warajha. Kien dlam ċappa imma xorta stajt naraha sew. Kellha xi dawl f'idha u stajt inżomm għajnejja fuqha anke mill-bogħod.

Segwejtha mat-triq ta' mal-baħar, imbagħad matul passaġġ kollu tajn u ċaflis. Għaddejna minn ġo bajja u wara bdejna telgħin ma' mogħdija wieqfa, lejn il-quċċata tal-irdum. Hemmhekk bdejt noqrob lejha bil-mod.

Naħseb li f'xi waqtiet bdiet tismagħni jew tħossni miexi warajha, għax kultant bdiet tieqaf u tħares

madwarha, bħal ġurdien imgerrex. Qgħadt attent u ma ħallejthiex tarani; naturalment, għandi esperjenza kbira f'dan it-tip ta' xogħol.

Mill-pass tagħha bdejt ninduna x'qed taħseb. Xi daqqiet bdiet tħaffef—bilkemm stajt inlaħħaq magħha—determinata li tasal fejn għandha tasal. Drabi oħra bdiet tnaqqas il-pass u titfixkel f'saqajha: dawk kienu l-mumenti meta bdiet tibża', jew tiddubita minnha nnifisha. Naħseb kemm-il darba għaddielha ħsieb li terġa' lura lejn id-dar, imma b'xorti tajba baqgħet sejra u ma kellix għalfejn nindaħal.

Meta wasalna fit-triq lixxa, ħdejn il-qasab, iddeċidejt li nilħaqha u nuriha li kont hemm. Ħsibt li kienet se tieħu gost bija, imma kif ftaħt ħalqi u bdejt inkellimha nħasdet, bdiet twerżaq u kienet se taħrab tiġri. It-twerżiq tagħha tant kien qawwi u rqiq li widinti l-ħażina ħassejtha qisha qed tiċċarrat mill-ġdid u damet ħafna tuġagħni.

Fl-aħħar għarfitni. Waqfet twerżaq, resqet lejja u għannqitni magħha. "X'qed tagħmel hawn? Mela ġejt warajja?" qaltli, b'leħen baxx.

Imxejna l-bqija tat-triq flimkien, fis-silenzju. Kif wasalna quddiem il-palazz, hi poġġiet bilqiegħda fuq l-għatba, biex tistrieħ ftit. Jien ma kontx għajjien, u lanqas li kieku, ma kellix paċenzja npoġġi. Qgħadt nippassiġġa 'l hawn u 'l hinn quddiemha sakemm qamet bilwieqfa.

Kien wasal il-mument li t-tnejn li aħna konna qed nistennew bil-ħerqa u l-kurżità. Kien wasal il-mument li nfittxu dak li kien hemm moħbi.

Il-bqija tal-istorja se tirrakkontaha hi. Amina.

Kanċell kbir quddiemi. Bagalja wieqfa ħdejja. U sensazzjoni vaga ta' déjà vu.

L-istonku nħossu mkisser.

Liebsa l-ġakketta l-oranġjo, li kien tahieli xi ħadd li ma baqgħetx tiġih. Ħoxna kieku, imma mhux biżżejjed. Aħħ, x'bard hawn! Idejja ggranfati maċċinga tal-basket. Madwari, kollox griż jagħti fl-iswed: l-asfalt tat-triq, l-alka ma' xatt il-baħar, is-sħab folt fis-sema. Ma jidher ħadd, imkien. Jinstema' biss it-tisfir tar-riħ, it-tisbit tal-mewġ mal-blat ftit 'il bogħod, u l-irrejżjar tal-vann ta' Vera li marret tipparkja fil-fetħa li hemm ftit 'il fuq.

Il-kanċell, tal-ħadid, miżbugħ iswed. 15-il virga wieqfa fuq kull naħa, 30 waħda b'kollox, kull waħda b'ponta forma ta' vleġġa mmirata 'l fuq. Kull virga twila xi ftit iktar minn 2 metri. Fin-nofs, iż-2 naħat tal-kanċell imrikkbin u miżmumin flimkien b'katnazz oħxon, miftuħ. Damdim u ċenċil ma' kull buffura riħ.

Hemm karta A4 tperper u tinbaram mal-vireg tal-kanċell. Tidher kitba sewda fuqha, imma ma nistax naqraha.

Nersaq lejha u niftaħha b'subgħajja nġazzati. Landscape orientation, font Comic Sans, bold, 48pt.

**Welcome to MMC1.**
**Please ring bell and wait.**

Xi kruha, jaqq! Kemm ma naħmlux il-Comic Sans!

Fejn hi l-qanpiena? Hemm hi, fuq ix-xellug. Ħdejha hemm tabella taċ-ċeramika, bl-isem tal-post impitter bl-idejn fuq sfond isfar. L-isfar jgħajjat. L-isem tal-post jistona. "Dar ix-Xemx". Dar ix-xemx? Ix-xemx żgur mhix id-dar illum.

Ġieli għaddejna minn hawn fis-sajf, imma dan il-post qatt ma ndunajt bih. Dar antika, kbira. Marsusa bejn 2 blokok t'appartamenti, kubojdi koroh, twal 7 sulari: minn dawk li jfaqqsu bħall-faqqiegħ kull fejn tinxtamm ir-riħa tal-baħar. Wieħed għadu ġebel u saqaf. L-ieħor jidher lest imma vojt: ebda dawl, ebda tieqa miftuħa, ebda żiemel bil-ħwejjeġ, ebda ċilindru tal-gass.

Inħares 'il ġewwa mill-kanċell ta' quddiemi u nara forom sbieħ u simetrija perfetta. Għajnejja jistrieħu. Sabiħ dan il-post. Irnexxielu jiżgiċċa mill-ħatfa tal-krejnijiet. S'issa.

Bitħa kwadra b'vaska tonda fin-nofs. Bank tal-ġebel fuq kull naħa. Faċċata, 6 tarġiet jagħtu għal parapett quddiem 2 bibien ħomor, maġenb xulxin, tewmin. U lil hinn mill-bibien, tieqa fuq kull naħa. Hemm sular nofsu taħt l-art, għax 'l isfel mill-bibien u t-twieqi, fil-livell tat-taraġ, hemm 2 twejqiet rettangolari, ukoll waħda fuq kull ġenb. Hemm sular ieħor fuq, irtirat 'il ġewwa u moħbi wara ċ-ċint; bilkemm jidher minn hawn. Mill-kanċell 'il ġewwa mhu qed nara xejn li jikser is-simetrija, lanqas imqar purtella mbexxqa, jew qasrija farradija xi mkien.

Vera ġejja tħaxwex minn warajja. Indur lejha u ninnota li għandha wiċċha aħmar peprin, bil-kesħa jew bil-kedda, jew bit-tnejn.

Werwritni sakemm wasalna! Vera kollox tagħmel bl-attenzjoni u bil-galbu, ħlief … is-sewqan! Proprjament mhux issuq bl-addoċċ, imma tikkalkula ħażin. Eżempju ninnutaha tipprova tevita l-ħofor fit-triq, imma dejjem timmarkahom ħażin u tispiċċa togħdos dritt fihom. Is-sena l-oħra faqgħet 4 tyres. Għoddejthomlha.

Konna għadna Burmarrad xħin bdejt inħoss l-istonku tiela'. Iċ-ċinturin tas-sigurtà minn dawk li ma jiġġebbdux, u ma' kull skoss beda jissikka m'għonqi. Konna għaddejjin bit-80 kilometru fis-siegħa, u kif qrobna lejn il-kamera tal-veloċità Vera sabet il-pedala taħt sieqha u ħadet brejk li niżżilna f'daqqa

għal madwar 60 kilometru fis-siegħa, avolja l-limitu kien ta' 70. L-iskoss tefagħni 'l quddiem u ċ-ċinturin ġibidni lura u baraxli għonqi. Għadni s'issa ntiegħem il-biċċa ħobż mixwija li kont kilt qabel tlaqna.

Ħa nkun onesta. Illum mhux il-vjaġġ biss werwirni. Id-destinazzjoni, ukoll.

"Int ok?" qed tistaqsini, b'għajnejha u jdejha jfittxu l-manku tal-bagalja.

"Iva, iva ok. Ftit eċitata biss."

Fiha tip din Vera, imma għadni ma nistax nidra magħha. Differenti wisq minn Clarissa.

Issa għandi 6 ġimgħat hawn. Wara dan il-kanċell, ma' nies li ma nafhomx minn Adam. Il-qafas ta' sidri sar qisu gaġġa tal-ħadid, u n-nifs qed ikolli niġbdu mill-fond.

"Ċempiltha l-qanpiena, hi?"

"Leqq."

"Isa hi, x'qed tistenna? Nofs siegħa oħra rrid inkun Birkirkara jien!" Għal Vera l-ħela ta' ħin ikklassifikat bħala dnub mejjet.

Nimmissjaha wisq 'il Clarissa.

Inċempel il-qanpiena, u nistenna, bl-istonku mżegleg daqs il-kitba Comic Sans li hawn tperper ma' widnejja.

# 2

Kollox beda b'dik l-ittra twila u mimlija kliem bombastiku. Kliem, kliem u aktar kliem. Kienet waslet xi 7 xhur qabel, fil-bidu tas-sajf.

Qatt ma kont irċivejt ittra mingħand ministru qabel …

Kienu xi s-siegħa ta' waranofsinhar, niftakar. Kont dħalt assistant playworker fi skola tas-sajf u dakinhar kien għadni kif wasalt lura d-dar mix-xogħol. Għajjiena mejta. Ġuħ ma narax art. Malli dħalt mill-bieb rajt 'il Clarissa ġejja tiġri mit-tarf l-ieħor tal-kuritur, tperper xi karti f'idejha.

"Amina! Amina! Mela ejja, sabiħa! Ejja ħa tara xi rċivejt!"

Iltqajna u waqafna quddiem il-bieb tal-bitħa. Il-haversack tlaqtu fl-art ħdejn saqajja. Ir-raġġi tax-xemx deħlin mill-ħġieġ, jaħarqu fuq dahri. Żaqqi tgerger.

Jien u niffoka fuq l-ittra, Clarissa kienet qed timmolla ħdejja. Dak iż-żmien kienu diġà bdew

jidhrulha xi sintomi tal-kundizzjoni tagħha, imma kienet għadha mhux ħażin. Ħafna mill-ħin kienet tkun ok.

6 karti A4 stejpiljati flimkien. Portrait orientation, font Courier New, 10pt.

Iċċassajt lejn dawk is-6 faċċati ta' kliem jgħumu quddiem għajnejja. Ma stajtx nifhem. Xħin fhimt, ma stajtx nemmen. Xħin emmint, ma stajtx inqum. Għax żgur kont qiegħda f'nofs ħolma.

Le?

Għeżież ġenituri/tuturi ta' **Amina**,

Kif forsi tafu, l-iżvilupp tal-ħiliet matematiċi fost l-istudenti Maltin qiegħed fuq quddiem nett tal-prijoritajiet tal-Gvern fil-qasam tal-edukazzjoni. Għaldaqstant, ġiet imfassla politika, flimkien ma' programm mifrux fuq ħames snin, bil-għan ewlieni li Malta tikklassifika ruħha mal-aqwa għaxar pajjiżi fl-istħarriġ tal-PISA (Programme for International Student Assessment) li jsir kull tliet snin.

Bħala parti minn dan il-programm, il-Gvern ikkommetta ruħu li kull sena jissapportja numru żgħir ta' studenti Maltin b'ħiliet straordinarji fil-

matematika, sabiex dawn ikomplu jsaħħu l-ħiliet tagħhom u jinfetħulhom opportunitajiet bil-ħsieb li 'l quddiem ikunu huma stess protagonisti fl-avvanz tax-xjenza matematika fuq livell globali. Nifhmu li dan huwa proġett ambizzjuż, però l-Gvern huwa konvint li fost l-istudenti Maltin hemm numru ta' mħuħ eċċellenti b'potenzjal kbir li jeħtieġ li jiġu inkoraġġiti bis-sħiħ.

Għaldaqstant, fis-sena skolastika li ġejja ser jiġi organizzat għall-ewwel darba "kamp tal-matematika" li se jilqa', fuq bażi volontarja, tmien studenti li jeċċellaw fil-qasam tal-matematika. Dan huwa programm residenzjali ta' sitt ġimgħat li qed jiġi organizzat bil-kollaborazzjoni tal-Università ta' Malta u l-Università ta' Oxford, li se jkunu qed jipprovdu s-servizzi ta' professuri rinomati tal-matematika sabiex imexxu t-taħriġ. Il-proġett se jkun iffinanzjat kollu kemm hu mill-Gvern, u l-istudenti se jiġu mogħtija dan it-taħriġ b'xejn. Familja privata se tkun ġentilment qed toffri proprjetà tagħha għall-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni.

L-ewwel edizzjoni tal-kamp, imsejħa MMC1, se ssir fuq sitt ġimgħat f'Jannar u Frar tas-sena d-dieħla u l-istudenti kollha li se jipparteċipaw se jkunu eżentati milli jattendu l-iskola rispettiva tagħhom, anke jekk din tkun privata jew tal-Knisja.

F'dan il-kuntest, xi xhur ilu l-Ministeru nieda evalwazzjoni tal-ħiliet eżistenti permezz ta' test tal-matematika li sar fost l-istudenti kollha tal-Form 3 f'Malta u Għawdex.

Bi pjaċir kbir għandi ninfurmakom li **Amina** kklassifika/t ruħu/ha fost l-aqwa tmien studenti tal-matematika f'Malta u Għawdex, u allura qed j/tiġi mistieden/na biex j/tipparteċipa fil-proġett MMC1.

Id-dokument mehmuż ma' din l-ittra jispjega fid-dettall l-aspetti differenti ta' MMC1 inkluż bijografiji qosra ta' dawk li se jkunu qed imexxu l-kamp, programm dettaljat tat-tagħlim, informazzjoni dwar l-akkomodazzjoni kif ukoll sett ta' regolamenti li l-istudenti se jkunu mistennija jħarsu tul il-perjodu ta' residenza.

Kif diġà ġie aċċennat hawn fuq, il-parteċipazzjoni f'MMC1 hija fuq bażi volontarja, u m'hemm l-ebda obbligu li tiġi aċċettata din is-sejħa. F'każ li wħud mill-ewwel tmien studenti ma jilqgħux din l-istedina, se jiġu kkuntattjati l-istudenti li ġew ikklassifikati fil-postijiet li jmiss sakemm it-tmien postijiet jimtlew kollha.

Bħala ġenituri/tuturi ta' **Amina** intom ġentilment mitluba sabiex tinfurmawna bir-risposta tagħkom għal din l-istedina billi timlew u tibagħtu l-formola mehmuża sa mhux aktar tard mill-4 ta' Awwissu. Jekk tixtiequ iktar informazzjoni jew għandkom xi mistoqsijiet dwar MMC1 nitolbukom tikkuntattjaw lis-Sa Petra Camilleri, id-Direttriċi ta' MMC1, li d-dettalji tagħha jinsabu fid-dokument mehmuż. Aktar 'il quddiem, meta jiġu kkonfermati l-istudenti li se jipparteċipaw f'dan il-kamp, se ssir laqgħa għall-ġenituri biex ikomplu jingħataw aktar dettalji.

Nittama li, bħalna, intom tirrikonoxxu l-benefiċċji kbar li jista' jħalli dan il-programm prestiġjuż li se jsir għall-

ewwel darba f'pajjiżna, u nistenna bil-ħerqa li nisma' mingħandkom.

Grazzi bil-quddiem, u tislijiet,

Beatrice Vella

Ministru tal-Edukazzjoni